

Brussell, 28 ta' Novembru 2025
(OR. en)

16137/25

JAI 1814
ENFOPOL 457
CRIMORG 247
IXIM 326
DATAPROTECT 319
CYBER 356
COPEN 389
FREMP 369
TELECOM 447
COMPET 1262
MI 980
CONSOM 276
DIGIT 256

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	27 ta' Novembru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 740 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2021/1232 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Lulju 2021 dwar deroga temporanja minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/58/KE fir-rigward tal-użu ta' teknoloġiji minn fornituri tas-servizzi tal-komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri għall-ipproċessar ta' data personali u data oħra għall-iskop tal-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2025) 740 final.

Mehmuż: COM(2025) 740 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.11.2025
COM(2025) 740 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2021/1232 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Lulju 2021 dwar deroga temporanja minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/58/KE fir-rigward tal-użu ta' teknoloġiji minn fornituri tas-servizzi tal-komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri għall-ipproċessar ta' data personali u data oħra għall-iskop tal-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online

WERREJ

1. INTRODUEZZJONI	2
2. MIŻURI TA' IMPLIMENTAZZJONI	3
2.1. Ipproċessar ta' data personali mill-fornituri (l-Artikolu 3(1)(g)(vii))	3
2.1.1. Tip u volumi tad-data pproċessata	3
2.1.2. Raġunijiet għall-ipproċessar skont ir-Regolament (UE) 2016/679	4
2.1.3. Raġuni għat-trasferimenti ta' data personali barra mill-UE.....	4
2.1.4. Numru ta' każijiet identifikati ta' CSA online, li jiddifferenzjaw bejn is-CSAM u s-solleċitazzjoni tat-tfal.....	4
2.1.5. Rimedju għall-utent u eżitu.....	6
2.1.6. Numru u proporzjonijiet ta' żbalji (pożittivi foloz) tat-teknoloġiji differenti użati	7
2.1.7. Miżuri applikati biex jillimitaw ir-rata ta' żball u r-rata ta' żball miksuba.....	9
2.1.8. Politika ta' żamma u salvagwardji għall-protezzjoni tad-data	10
2.1.9. Organizzazzjonijiet li jaġixxu fl-interess pubbliku li magħhom ġiet kondiviża d-data 11	
2.2. Statistika tal-Istati Membri (l-Artikolu 8)	11
2.2.1. Numru totali ta' rapporti ta' CSA online identifikati.....	11
2.2.2. Numru ta' tfal identifikati	21
2.2.3. Numru ta' awturi ta' reati kkundannati.....	26
2.3. Żviluppi fil-progress teknoloġiku	29
2.3.1. Detezzjoni ta' CSAM magħruf	29
2.3.2. Detezzjoni ta' CSAM ġdid.....	30
2.3.3. Detezzjoni tas-solleċitazzjoni tat-tfal għal skopijiet sesswali	31
2.3.4. Użu tal-IA ġenerattiva għall-fini ta' abbuż sesswali tat-tfal	32
3. KONKLUŻJONIJIET	33

1. INTRODUZZJONI

Is-servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali qed jintużaw dejjem aktar ħażin għall-kondiviżjoni ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal (CSAM, child sexual abuse material) u għas-solleċitazzjoni tat-tfal għal skopijiet sesswali ("grooming"). Dan wassal lill-fornituri ta' ċerti servizzi tal-komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri, bħas-servizzi tal-webmail u tal-messaġġi ("fornituri"), biex jużaw teknoloġiji speċifiċi fuq bażi volontarja biex jidentifikaw l-abbuż sesswali tat-tfal online (CSA, child sexual abuse) fuq is-servizzi tagħhom u jirrapportawh lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u lill-organizzazzjonijiet li jaġixxu fl-interess pubbliku kontra s-CSA. Tali attivitajiet volontarji għandhom rwol siewi biex jgħinu fl-identifikazzjoni u s-salvataġġ tal-vittmi, inaqqsu l-grooming tat-tfal u t-tixrid tas-CSAM online, u jipprevjenu, jidentifikaw, jinvestigaw u jipprosegwixxu reati tas-CSA. Sabiex ikunu jistgħu jtkomplew l-isforzi volontarji għall-identifikazzjoni tas-CSA, ir-Regolament (UE) 2021/1232¹ ("ir-Regolament"), kif emendat bir-Regolament (UE) 2024/1307 tad-29 ta' April 2024,² jipprevedi deroga temporanja mill-Artikoli 5(1) u 6(1) tad-Direttiva 2002/58/KE³.

L-Artikolu 9 tar-Regolament jirrikjedi rapport ta' implimentazzjoni mill-Kummissjoni, ibbażat fuq data mill-fornituri u mill-Istati Membri, u li jqis, b'mod partikolari:

- (a) il-kundizzjonijiet għall-ipproċessar ta' data personali rilevanti u data oħra pproċessata skont ir-Regolament;
- (b) il-proporzjonalità tad-deroga prevista mir-Regolament, inkluża valutazzjoni tal-istatistika sottomessa mill-Istati Membri skont l-Artikolu 8 tiegħu;
- (c) l-iżviluppi fil-progress teknoloġiku fir-rigward tal-attivitajiet koperti bir-Regolament u l-punt sa fejn dawn l-iżviluppi jtejbu l-akkuratezza u jnaqqsu n-numri u l-proporzjon tal-iżbalji (pożittivi foloz).

Dan huwa t-tieni rapport ta' implimentazzjoni skont ir-Regolament, wara l-ewwel rapport adottat fid-19 ta' Diċembru 2023⁴. Dan jibni fuq id-data miksuba minn dak iż-żmien 'l hawn, permezz ta' rapportar mill-fornituri u mill-Istati Membri skont l-Artikolu 3(1)(g)(vii) u l-Artikolu 8 tagħha rispettivament.

¹ Ir-Regolament (UE) 2021/1232 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Lulju 2021 dwar deroga temporanja minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/58/KE fir-rigward tal-użu ta' teknoloġiji minn fornituri tas-servizzi tal-komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri għall-ipproċessar ta' data personali u data oħra għall-iskop tal-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online (ĠU L 274, 30.7.2021, p. 41–51, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1232/oj>).

² Ir-Regolament (UE) 2024/1307 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2024 li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1232 dwar deroga temporanja minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/58/KE fir-rigward tal-użu ta' teknoloġiji minn fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri għall-ipproċessar ta' data personali u data oħra għall-fini tal-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online (ĠU L, 2024/1307, 14.5.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1307/oj>).

³ Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) ([ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37](http://eur-lex.europa.eu/eli/dir/2002/58/oj)).

⁴ Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2021/1232 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Lulju 2021 dwar deroga temporanja minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/58/KE fir-rigward tal-użu ta' teknoloġiji minn fornituri tas-servizzi tal-komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri għall-ipproċessar ta' data personali u data oħra għall-iskop tal-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online [COM/2023/797 final](https://eur-lex.europa.eu/eli/com/2023/797/final).

L-ewwel rapport żvela disparitajiet sinifikanti fid-disponibbiltà tad-data, fit-tipi ta' data miġbura, u għalhekk ukoll fil-komparabbiltà tad-data miġbura mill-fornituri u mill-Istati Membri. Dan it-tieni rapport juri li dawn il-kwistjonijiet għadhom jippersistu. Il-fornituri ma użawx il-formola standard għar-rapportar stabbilita fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni adottat fil-25 ta' Novembru 2024⁵, kif meħtieġ mill-Artikolu 3(4) tar-Regolament, bl-argument li din saret disponibbli biss lejn tmien il-perjodu ta' rapportar. Dawn ikkondividew ukoll tipi differenti ta' informazzjoni li mhumiex neċessarjament komparabbli. Ħafna Stati Membri pprovdew data tard u xi wħud ipprovdew biss data parzjali jew ma setgħu jipprovdu l-ebda data qabel il-pubblikazzjoni ta' dan ir-rapport. Il-Kummissjoni impenjat ruħha f'segwitu biex tteġġeg is-sottomissjoni tad-data u tippermetti l-interpretazzjoni korretta tagħha. Dan kellu impatt sinifikanti fuq iż-żmien u l-komprensività tar-rapport ġenerali. Minkejja l-isforzi biex jiġu żgurati l-koerenza u l-komparabbiltà tad-data, għad hemm disparitajiet.

Dan ir-rapport ifittex li jagħti ħarsa ġenerali fattwali lejn is-sitwazzjoni attwali tal-implimentazzjoni tar-Regolament, abbażi tad-data disponibbli. Ir-rapport ma fih l-ebda interpretazzjoni tar-Regolament u ma jieħu l-ebda pożizzjoni dwar il-mod li bih ġie interpretat u applikat fil-prattika.

2. MIŻURI TA' IMPLIMENTAZZJONI

2.1. Ipproċessar ta' data personali mill-fornituri (l-Artikolu 3(1)(g)(vii))

L-Artikolu 3(g)(vii) tar-Regolament Interim jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-fornituri li jaġixxu skont id-deroga li tinsab fih biex jipubblikaw u jissottomettu lill-awtorità superviżorja kompetenti u lill-Kummissjoni, sat-3 ta' Frar 2022, u sal-31 ta' Jannar ta' kull sena minn hemm 'il quddiem, rapport dwar l-iproċessar ta' data personali skont dan ir-Regolament. Google, LinkedIn, Meta, Microsoft u Yubo sottomettew rapporti, kemm għall-2023 kif ukoll għall-2024. Dan ir-rapport ikopri d-data sottomessa mill-fornituri għas-snin 2023 u 2024, filwaqt li d-data għall-2021 u l-2022 hija koperta mir-rapport preċedenti.

2.1.1. Tip u volumi tad-data pproċessata

Il-fornituri rrapportaw l-iproċessar ta' data kemm dwar il-kontenut kif ukoll dwar it-traffiku. Fir-rigward tad-data ta' kontenut ipproċessata biex jiġi identifikat CSA online, il-fornituri kollha semmew immaġnijiet u filmati. Google rreferiet ukoll għall-iproċessar ta' tipi oħra ta' media.

Fir-rigward tad-data dwar it-traffiku miġbura, ir-rapporti tal-fornituri varjaw b'mod konsiderevoli:

- a) data relatata mal-kont tal-utent (Google, LinkedIn, Microsoft, Yubo), eż. l-ID tal-utent, l-identifikatur tal-utent, u l-indirizz tal-IP;

⁵ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2916 tal-25 ta' Novembru 2024 li jistabbilixxi formola standard għad-data inkluża fir-rapport dwar l-iproċessar tad-data personali ppubblikata u rrapportata lill-awtorità superviżorja kompetenti u lill-Kummissjoni minn fornituri tas-servizzi skont ir-Regolament (UE) 2021/1232 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, (ĠU L, 2024/2916, 26.11.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/2916/oj).

- b) metadata relatata mal-kontenut (Google, LinkedIn, Microsoft, Yubo);
- c) data relatata ma' vittma potenzjali (Google);
- d) data dwar l-operati ta' abbuż (Google).

LinkedIn u Microsoft ipprovdew informazzjoni dwar il-volumi ta' data pproċessata skont ir-Regolament, filwaqt li l-fornituri l-oħra ma sottomettewx data f'dan ir-rigward. LinkedIn irrapportat ipproċessar ta' aktar minn 24 miljun immaġni u aktar minn 1 miljun filmat fl-2023 u aktar minn 22 miljun immaġni u aktar minn 2 miljun filmat fl-2024, li joriġinaw mill-UE fis-sentejn li huma. Microsoft irrapportat l-ipproċessar ta' aktar minn 11.7 biljun oġġett ta' kontenut globalment fl-2023, u 9.6 biljun oġġett ta' kontenut globalment fl-2024, mingħajr ma speċifikat id-data relatata mal-UE.

2.1.2. Raġunijiet għall-ipproċessar skont ir-Regolament (UE) 2016/679

Il-fornituri kollha rrapportaw li jiddependu fuq raġuni speċifika waħda jew aktar skont ir-Regolament (UE) 2016/679 – ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (“il-GDPR”)⁶: L-Artikolu 6(1)(d) (Google, Meta, Yubo), (e) (LinkedIn, Microsoft, Meta, Yubo) u (f) (Google, Meta, Yubo).

2.1.3. Raġuni għat-trasferimenti ta' data personali barra mill-UE

Il-fornituri kollha rrapportaw li jiddependu fuq mekkaniżmi ta' trasferiment tad-data skont il-GDPR, inklużi klawżoli standard dwar il-protezzjoni tad-data adottati mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 46(2)(c) tal-GDPR. Google, Microsoft, LinkedIn u Yubo rrapportaw ukoll li jikkonformaw mal-Qafas tal-Privatezza tad-Data bejn l-UE u l-Istati Uniti.

2.1.4. Numru ta' każijiet identifikati ta' CSA online, li jiddifferenzjaw bejn is-CSAM u s-solleċitazzjoni tat-tfal

Tabella 1: Numru ta' każijiet ta' CSA online identifikati fl-2023

Fornitur	Numru ta' każijiet	Kummenti
Google	1 558 oġġett ta' kontenut	734 rapport dwar is-CSAM mibgħuta liċ-Ċentru Nazzjonali għat-Tfal Neqsin u Sfruttati (NCMEC, National Center for Missing and Exploited Children). 635 kont ta' Google rrapportaw li bagħtu mill-inqas oġġett ta' kontenut wieħed tas-CSAM.
LinkedIn	2 oġġetti ta' kontenut	LinkedIn identifikat 2 immaġnijiet u 0 filmati ikkonfermati bħala CSAM.
Meta	3,6 miljun oġġett ta' kontenut	Oġġetti ta' kontenut li jikkostitwixxu CSAM fir-rigward tal-utenti tal-UE.
Microsoft	9 000 oġġett ta' kontenut	Aktar minn 32 000 oġġett ta' kontenut identifikati bħala CSAM globalment matul il-perjodu, b'aktar minn 9 000 minn dawk l-oġġetti ta' kontenut mill-UE.
Yubo	7 720 każ	Yubo ssuspendiet 7 720 kont fl-UE fl-2023, 2 minnhom talli kkondividew CSAM magħrufa, 938 talli kkondividew CSAM

⁶ Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data), (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1-88, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj>).


		għodda, u 6 780 talli talbu jew sfruttaw sesswalment tifel jew tifla.
--	--	---

Tabella 2: Numru ta' każijiet ta' CSA identifikati fl-2024

Fornitur	Numru ta' każijiet	Kummenti
Google	1 824 oġġett ta' kontenut	508 rapport dwar is-CSAM mibgħuta lill-NCMEC. 503 kont ta' Google rrapportaw li bagħtu mill-inqas oġġett ta' kontenut wieħed tas-CSAM.
LinkedIn	Oġġett ta' kontenut wieħed	LinkedIn identifikat fajl wieħed ta' immaġni u 0 filmati li jikkostitwixxu CSAM.
Meta	1,5 miljun oġġett ta' kontenut	Oġġetti ta' kontenut li jikkostitwixxu CSAM fir-rigward tal-utenti tal-UE.
Microsoft	Aktar minn 5 800 oġġett ta' kontenut	Aktar minn 26 000 oġġett ta' kontenut identifikati bħala CSAM globalment, b'aktar minn 5 800 minn dawk l-oġġetti ta' kontenut mill-UE ⁷ .
Yubo	4 484 każ	Yubo identifikat 742 każ li jikkonċernaw CSAM għdid u 3 742 każ li jikkonċernaw is-solleċitazzjoni tat-tfal.


Peress li l-fornituri kollha ta' hawn fuq jirrapportaw lill-NCMEC fl-Istati Uniti (ara t-Taqsima 2.1.9.), minbarra fornituri oħra li ma rrapportawx lill-Kummissjoni, id-data tal-NCMEC tipprovdi, fil-prinċipju, ħarsa ġenerali aktar komprensiva lejn ir-rapporti tas-CSA fl-UE. L-NCMEC irrapporta li rċieva n-numri li ġejjin ta' oġġetti ta' kontenut (immaġnijiet, filmati u fajls oħra) u każijiet ta' solleċitazzjoni tat-tfal li jikkonċernaw l-UE kull sena:

Numru ta' immaġnijiet, filmati u fajls oħra li jinsabu fir-rapporti tal-NCMEC li jikkonċernaw l-UE (miljuni)



⁷ Id-data rrapportata minn Microsoft turi li l-proporzjon bejn l-oġġetti ta' kontenut identifikati bħala materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal u l-oġġetti ta' kontenut ipproċessati baqa' kostanti mill-2023 sal-2024, b'0,00027 %.

Numru ta' rapporti ta' grooming tal-NCMEC li jikkonċernaw l-UE (eluf)



2.1.5. Rimedju għall-utent u eżitu

Skont l-Artikolu 3(1)(g)(iv) tar-Regolament, il-fornituri għandhom jistabbilixxu proċeduri u mekkaniżmi ta' rimedju xierqa biex jiżguraw li l-utenti jkunu jistgħu jressqu lmenti magħhom. Barra minn hekk, l-Artikolu 5 jistabbilixxi regoli dwar ir-rimedju ġudizzjarju.

Il-fornituri kollha rrapportaw numri ta' lmenti tal-utenti rigward kwistjonijiet fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament fl-UE, u l-eżiti ta' tali lmenti. Il-fornituri rreferew jew għal ilmenti kontra t-tneħħija ta' oġġetti ta' kontenut jew għal ilmenti kontra s-sospensjoni tal-kontijiet tal-utenti, mingħajr ma ssottomettew informazzjoni separata dwar iż-żewġ kategoriji. Google u Yubo rrapportaw ukoll separatament dwar ilmenti mressqa quddiem awtorità ġudizzjarja. Konsegwentement, it-tabelli ta' hawn taħt jirriflettu l-proċeduri ta' rimedju intern, u jinkludu informazzjoni dwar ir-rimedju ġudizzjarju fil-kummenti fejn id-data tkun disponibbli; sal-lum, ma ġie rrapportat l-ebda każ ta' lmenti lil awtorità ġudizzjarja.

Tabella 3: Numru ta' każijiet li fihom utent ressaq ilment bil-mekkaniżmu ta' rimedju intern jew lil xi awtorità ġudizzjarja u l-eżitu ta' dawk l-ilmenti fl-2023

Fornitur	Ilmenti tal-utenti	Kontijiet li reġgħu ġew riattivati	Oġġetti ta' kontenut li reġgħu ġew riattivati	Kummenti
Google	297	10	mhux applikabbli	In-numru ta' każijiet ta' lmenti tal-utenti jirrifletti appelli kontra s-sospensjoni ta' kont tal-utent imressqa bil-mekkaniżmu ta' rimedju intern. L-ebda utent ma ressaq ilment quddiem awtorità ġudizzjarja.
LinkedIn	0	mhux applikabbli	mhux applikabbli	
Meta	ca 254 500	mhux applikabbli	ca 11 600	L-utenti appellaw l-azzjonijiet meħuda fuq madwar 254 500 oġġett

				ta' kontenut. Wara l-proċess tal-appelli, ġew restawrati madwar 11 600 oġġett ta' kontenut u l-azzjonijiet tal-kontijiet treġġgħu lura.
Microsoft	0	mhux applikabbli	mhux applikabbli	
Yubo	1159	50	mhux applikabbli	Yubo tistma li madwar 50 kont ibbażati fl-UE ġew restawrati wara appelli bħal dawn. L-ebda utent ma ressaq ilment quddiem l-awtorità ġudizzjarja fl-UE.

Tabella 4: Numru ta' każijiet li fihom utent ressaq ilment bil-mekkaniżmu ta' rimedju intern jew lil xi awtorità ġudizzjarja u l-eżitu ta' dawk l-ilmenti fl-2024

Fornitur	Ilmenti tal-utenti	Kontijiet li reġgħu ġew riattivati	Oġġetti ta' kontenut li reġgħu ġew riattivati	Kummenti
Google	216	19	mhux applikabbli	In-numru ta' każijiet ta' lmenti tal-utenti jirrifletti appelli kontra s-sospensjoni ta' kont tal-utent imressqa bil-mekkaniżmu ta' rimedju intern. L-ebda utent ma ressaq ilment quddiem awtorità ġudizzjarja.
LinkedIn	1	mhux applikabbli	mhux applikabbli	
Meta	ca 76 900	mhux applikabbli	ca 1 800	L-utenti appellaw l-azzjonijiet meħuda fuq madwar 76 900 oġġett ta' kontenut. Wara l-proċess tal-appelli, ingħataw lura madwar 1 800 oġġett ta' kontenut, u l-azzjonijiet fuq il-kontijiet treġġgħu lura.
Microsoft	0	mhux applikabbli	mhux applikabbli	
Yubo	31	0	mhux applikabbli	Yubo rċeviet 31 ilment kontra sospensjoni relatata mas-sikurezza tat-tfal fl-UE. L-ebda kont ma reġa' ġie attiv.

2.1.6. Numru u proporzjonijiet ta' żbalji (pożittivi foloz) tat-teknoloġiji differenti użati

F'konformità mal-Artikolu 3(1)(e) tar-Regolament, il-fornituri għandhom jiżguraw li t-teknoloġiji użati jkunu affidabbli biżżejjed fis-sens li jillimitaw kemm jista' jkun ir-rata ta' żbalji fir-rigward tad-detezzjoni ta' kontenut li jirrappreżenta s-CSA online.

F'dan ir-rigward, il-fornituri kollha rrapportaw li implimentaw approċċ stratifikat għad-detezzjoni tas-CSA billi kkombinaw teknoloġiji ta' detezzjoni differenti biex iżidu l-akkuratezza. Barra minn hekk, hemm kompromess bejn pożittivi foloz (jiġifieri meta l-għodda timmarka, pereżempju, immaġni bħala li possibbilment tikkostitwixxi CSAM b'mod żbaljat)

u negattivi foloz (jiġifieri meta l-għodda tonqos milli timmarka, pereżempju, CSA), peress li t-tnaqqis ta' rata ta' żball wieħed tipikament iżid l-ieħor. Dan ifisser li l-fornitur jista' jfassal il-konfigurazzjonijiet tal-akkuratezza biex jagħżel il-bilanċ xieraq abbażi tal-kuntest u n-natura speċifiċi tas-servizz.

Il-fornituri ddependew fuq teknoloġija tal-hash-matching bħal PhotoDNA, MD5 u CSAI Match għad-detezzjoni ta' konkordanzi ta' CSAM identifikati qabel. Għe rrapportat ukoll l-użu ta' klassifikaturi tal-intelliġenza artifiċjali (IA) u tal-apprendiment awtomatiku biex jiġi identifikat CSAM ġdid (Google, Yubo). Yubo rrapportat ukoll li identifikat solleċitazzjoni tat-tfal.

Il-fornituri ma ssottomettewx in-numru u l-proporzjonijiet ta' żbalji (pożittivi foloz) għal kull waħda mit-teknoloġiji differenti użati separatament. Minflok, huma rrapportaw data aggregata għat-teknoloġiji kollha użati.

Id-data sottomessa turi metodi differenti użati għall-kalkolu tar-rata ta' żball. Xi fornituri ma kellhomx biżżejjed data biex jikkalkulaw il-proporzjon ta' żball (Microsoft). Oħrajn applikaw metodu ta' kalkolu bbażat fuq il-proporzjon ġenerali tal-entrati tal-kontenut restawrati u/jew l-azzjonijiet tal-kont imreġġa' lura għall-entrati tal-kontenut li ttieħdet azzjoni fuqhom, jew abbażi tan-numru ta' appelli kontra r-restrizzjonijiet tal-kontijiet (Meta, LinkedIn). Fornituri oħra (Google u Yubo) irreferew għan-numru ta' oġġetti ta' kontenut immarkati awtomatikament bħala li jikkostitwixxu CSAM li mbagħad ma ġewx ikkonfermati bħala CSAM meta sar rieżami mill-bniedem (pożittivi foloz), diviż bin-numru ta' oġġetti ta' kontenut immarkati awtomatikament bħala li jikkostitwixxu CSAM. Għalhekk, it-tabelli ta' hawn taħt jirriflettu d-disparitajiet fis-settijiet ta' data ppreżentati mill-fornituri.

Sabiex ikompli jitnaqqsu l-iżbalji u l-pożittivi foloz, il-fornituri rrapportaw ukoll li jikkomplementaw dawn it-teknoloġiji b'rieżami mill-bniedem. Dan ir-rieżami uman ma jitqiesx fl-istatistika ta' hawn taħt, li tqis biss l-akkuratezza tat-teknoloġiji nfushom.

Tabella 5: Numru u proporzjonijiet ta' żbalji fl-2023 u fl-2024

Fornitur	Proporzjon tal-iżball 2023	Proporzjon tal-iżball 2024	Metodu ta' kalkolu	Kummenti
Google	1,14 % (18:1576)	0,54 % (10:1834)	Proporzjon tan-numru ta' oġġetti ta' kontenut immarkati awtomatikament bħala CSAM li ma humiex ikkonfermati mar-rieżami mill-bniedem man-numru ta' oġġetti ta' kontenut immarkati awtomatikament bħala CSAM	Id-data tirreferi għat-teknoloġija tal-hash-matching ta' Google.
LinkedIn	0 % (0:0)	0 % (0:0)	Proporzjon tal-azzjonijiet tal-kont imreġġa' lura għall-appelli kontra r-restrizzjonijiet tal-kont	

Meta	0,32 % (11 600: 3.6 miljun)	0,12 % (1 800: 1.5 miljun)	Proporzjon ta' entrati ta' kontenut restawrati u azzjonijiet ta' kont imreġġa' lura għall-oġġetti ta' kontenut li ttieħdet azzjoni fuqhom	
Microsoft	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	Microsoft indikat li d-data ma kinitx biżżejjed biex tiġi kkalkulata rata ta' żball. Kien hemm treġġigħ lura tad-deċiżjonijiet inizjali dwar il-moderazzjoni tal-kontenut marbuta ma' 34 oġġett ta' kontenut. Ma ġie rrapportat l-ebda appell.
Yubo	20 %	13 %	Każijiet immarkati awtomatikament bħala grooming li fihom il-moderaturi ma ħadux azzjoni	Id-data pprovduta minn Yubo tirreferi biss għad-detezzjoni ta' CSAM ġdid u l-grooming.

2.1.7. Miżuri applikati biex jillimitaw ir-rata ta' żball u r-rata ta' żball miksuba

Skont l-Artikolu 3(1)(e) tar-Regolament, it-teknoloġiji użati jridu jkunu affidabbli biżżejjed u l-konsegwenzi ta' kwalunkwe żball okkażjonali jridu jiġu rettifikati mingħajr dewmien. Barra minn hekk, l-Artikolu 3(1)(g)(ii) jirrikjedi li l-fornituri jiżguraw is-sorveljanza mill-bniedem u, fejn meħtieġ, intervent mill-bniedem.

Il-fornituri rrapportaw li applikaw miżuri u salvagwardji differenti biex jillimitaw u jnaqqsu r-rata ta' żball fid-detezzjoni tas-CSA online. Dawn jinkludu:

- i. monitoraġġ u valutazzjoni tal-kwalità tal-prestazzjoni tal-ġhodod ta' detezzjoni tas-CSA, kemm għall-irfinar tal-preċiżjoni (biex jidentifikaw biss is-CSA online) kif ukoll għall-irkupru (biex jiżguraw li mhux qed jaqbżilhom is-CSA online fuq il-pjattaformi tagħhom) (Google);
- ii. applikazzjoni ta' proċessi ta' verifika tal-hash li fihom l-analisti jirrieżaminaw oġġetti assoċjati ma' bażijiet tad-data tal-hashes u/jew jivverifikaw il-kwalità tal-hashes eżistenti (Google, Microsoft, LinkedIn);
- iii. rieżami u sorveljanza mill-bniedem: il-media identifikata bħala CSAM minn teknoloġiji ta' hash-matching tiġi awditjata minn rieżaminaturi umani/analisti mħarrġa (Google, LinkedIn, Meta, Microsoft, Yubo);
- iv. rieżami sistematiku mill-bniedem tal-media identifikata bħala CSAM ġdida possibbli qabel ir-rapportar (Google fl-2023);

- v. rieżaminaturi umani li jkunu qed isegwu taħriġ speċjalizzat u/jew li jkunu soġġetti għal ċertifikazzjoni mill-ġdid regolari (Google, Yubo);
- vi. valutazzjonijiet tal-kontroll tal-kwalità tar-rieżaminaturi umani u l-verdetti li jiġu applikati (Google, Yubo);
- vii. żvilupp u rieżami regolari tal-politiki u l-istrateġiji ta' infurzar dwar is-CSA online minn esperti mħarrġa (Google);
- viii. konsultazzjonijiet regolari ma' esperti biex tittejjeb l-akkuratezza fl-identifikazzjoni tas-CSAM, inklużi mezzi biex jirċievu feedback minn organizzazzjonijiet fdati li jiġġieldu s-CSA, bħall-NCMEC u Thorn (Google);
- ix. sistema ta' twissija li tiżgura li raggruppamenti ta' volum għoli jiġu mmarkati u rieżaminati (Meta);
- x. miżuri biex tittejjeb il-kwalità tal-algoritmi tas-sikurezza (Yubo).

2.1.8. Politika ta' żamma u salvagwardji għall-protezzjoni tad-data

L-Artikolu 3(1)(h) u (i) tar-Regolament jirrikjedi li d-data personali rilevanti tinħażen b'mod sigur biss għal ċerti skopijiet speċifikati u jkun fiha speċifikazzjonijiet dwar il-perjodu ta' ħżin, rispettivament. Barra minn hekk, ir-rekwiżiti applikabbli tal-GDPR iridu jiġu rrispettati.

Il-fornituri kollha rrapportaw li għandhom fis-seħħ politiki ta' żamma u salvagwardji għall-protezzjoni tad-data personali. Il-politiki dwar iż-żamma tad-data jvarjaw skont it-tip ta' data. Il-fornituri jindikaw li f'kull każ il-perjodu ta' żamma huwa limitat fiż-żmien, skont it-tip ta' data u l-iskop tal-ipproċessar, u d-data titħassar fi tmiem il-perjodu ta' żamma. Il-biċċa l-kbira tal-fornituri (Google; Meta u LinkedIn għall-2024) irrapportaw ukoll li applikaw politika ta' żamma massima ta' 12-il xahar għal CSAM identifikat. Yubo rrapportat li d-data dwar il-moderazzjoni tal-kontenut normalment tinżamm għal 12-il xahar u li l-perjodi ta' żamma jiddependu fuq it-tip ta' kontenut, it-tip ta' ksur u l-kundizzjonijiet tal-ħżin. Meta rrapportat, fl-2024, li żżomm id-data dwar l-appelli tal-utenti għal perjodu ta' 195 jum.

Is-salvagwardji tal-protezzjoni tad-data rrapportati mill-fornituri jinkludu:

- i. l-użu ta' tekniki ta' anonimizzazzjoni jew psewdonimizzazzjoni (eż. immaskjar, hashing, privatezza differenzjali) (Microsoft);
- ii. l-użu tal-kriptaġġ tad-data fi tranżitu (eż. protokollu tat-TLS) (Meta, Yubo);
- iii. kontrolli tal-aċċess (Meta, Yubo);
- iv. l-implimentazzjoni ta' strateġiji ta' governanza tad-data u/jew programmi ta' privatezza, li jiżguraw li d-data tiġi aċċessata, użata jew kondiviża biss b'mod awtorizzat (Google);
- v. it-twettiq ta' rieżamijiet tal-privatezza biex jiġu identifikati, aċċessati u mmitigati r-riskji potenzjali għall-privatezza mill-ġbir, l-ipproċessar, il-ħżin u l-kondiviżjoni ta' data personali, u r-rieżami tal-prattiki ta' protezzjoni meta jkunu qed jitfasslu kapaciċitajiet jew proċessi ġodda tas-sistema (Microsoft);
- vi. investigazzjoni fil-pront tal-inċidenti rrapportati mit-tim ta' rispons (Google);
- vii. miżuri dwar mekkaniżmi interni ta' rimedju u informazzjoni lill-utenti, inklużi miżuri biex jiġi żgurat id-dritt ta' aċċess għad-data tal-utenti (Google fl-2024).

2.1.9. Organizzazzjonijiet li jaġixxu fl-interess pubbliku li magħhom ġiet kondiviża d-data

Il-fornituri kollha rrapportaw li jikkondividu d-data skont dan ir-Regolament mal-NCMEC. Il-fornituri kollha tar-rapportar ikkomunikaw ukoll lill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 7(1) tar-Regolament, li huma rrapportaw CSA online skont dan ir-Regolament lill-NCMEC⁸. Yubo rrapportat ukoll il-kondiviżjoni tad-data mal-Internet Watch Foundation (IWF) fir-Renju Unit u l-PHAROS (Plateforme d'harmonisation, d'analyse, de recoupement et d'orientation des signalements) fi Franza.

2.2. Statistika tal-Istati Membri (l-Artikolu 8)

Skont l-Artikolu 8(1) tar-Regolament, l-Istati Membri jridu jaġhmlu disponibbli għall-pubbliku u jissottomettu lill-Kummissjoni rapporti bl-istatistika dwar dan li ġej:

- (a) in-numru totali ta' rapporti ta' CSA online identifikati li ġew sottomessi mill-fornituri u mill-organizzazzjonijiet li jaġixxu fl-interess pubbliku kontra s-CSA lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-infurzar tal-liġi, li jaġhmlu distinzjoni, fejn tali informazzjoni tkun disponibbli, bejn in-numru assolut ta' każijiet u daww il-każijiet irrapportati diversi drabi u t-tip ta' fornitur li fuq is-servizz tiegħu jkun ġie identifikat is-CSA online;
- (b) in-numru ta' f'al identifikati permezz ta' azzjonijiet previsti fl-Artikolu 3, fejn issir distinzjoni skont il-ġeneru;
- (c) in-numru ta' awturi ta' reat ikkundannati.

Minħabba li, għar-rapport preċedenti, xi Stati Membri rrapportaw data sa Lulju 2022 u oħrajn għall-2022 kollha, dan ir-rapport ikopri s-snin kalendarji sħaħ 2022, 2023 u 2024 biex tiġi ffaċilitata l-komparabbiltà. Minkejja dan, id-data rrapportata mill-Istati Membri tvarja ħafna f'termini ta' komplettezza u dettall. Numru żgħir ta' Stati Membri ma pprovdewx id-data kollha meħtieġa għal kull waħda mis-snin inkwistjoni (il-Belġju, l-Estonja, l-Irlanda, Spanja, il-Kroazja, il-Portugall u r-Rumanija).

2.2.1. Numru totali ta' rapporti ta' CSA online identifikati

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri pprovdew statistika annwali dwar in-numru totali ta' rapporti ta' CSA online għas-snin kalendarji 2022, 2023 u 2024, skont l-Artikolu 8(1)(a) tar-Regolament. Il-Portugall ma pprovdha data għall-ebda waħda mis-snin rilevanti, filwaqt li Spanja ma pprovdietx data għall-2023 jew għall-2024.

L-Istati Membri pprovdew l-aktar in-numru totali ta' rapporti sottomessi minn fornituri jew organizzazzjonijiet oħra li jaġixxu fl-interess pubbliku kontra s-CSA lill-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar tal-liġi. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri rrapportaw li rċevew il-biċċa l-kbira tar-rapporti tagħhom jew kollha kemm huma mill-NCMEC. L-Istati Membri ma indikawx in-numru ta' rapporti azzjonabbli (jiġifieri rapporti xierqa għall-investigazzjoni), iżda xi wħud irreferew għan-numru ta' każijiet immedija, li huwa ferm aktar baxx. L-Istati Membri lanqas ma għamlu distinzjoni — bl-eċċezzjoni tal-Finlandja u d-Danimarka — bejn in-numru totali ta' każijiet u każijiet irrapportati diversi drabi. Ftit Stati Membri biss indikaw it-tip ta' fornituri li fuq is-servizzi tagħhom ġie identifikat is-CSA online (eż. il-Belġju, l-Irlanda, il-Polonja u r-

⁸ L-informazzjoni dwar l-organizzazzjonijiet li jaġixxu fl-interess pubbliku li lilhom il-fornituri jirrapportaw CSA online skont dan ir-Regolament ġiet ippubblikata fuq https://home-affairs.ec.europa.eu/policies/internal-security/child-sexual-abuse/legal-framework-protect-children_en, f'konformità mal-obbligu tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament.

Rumanija). Xi wħud ipprovdew analiżi dettaljata (il-Belġju, iċ-Ċekja, Franza, il-Lussemburgu, ir-Rumanija u l-Finlandja).

Tabella 6: Numru totali ta' rapporti ta' CSA identifikati kif irrapportat mill-Istati Membri

Pajjiż	Rapporti fl-2022	Rapporti fl-2023	Rapporti fl-2024	Sors ta' rapporti	Kummenti
AT	10 130	15 882	18 276	NCMEC ⁹	
BE	19 919	11 910	4 284	Rapporti li joriġinaw mill-fornituri (media soċjali)	In-numru ta' fornituri li jidentifikaw CSA online żdied bejn l-2022 u l-2024. Għall-2024, il-Belġju rrapporta biss in-numru ta' rapporti azzjonabbli, u biddel il-metodoloġija użata fis-snin preċedenti.
BG	25 303	38 026	71 187	NCMEC u INHOPE (assoċjazzjoni internazzjonali ta' Internet Hotlines)	Matul it-tliet snin inkwistjoni, waslu 42 596 rapport mingħand NCMEC u 92 010 mingħand Safenet.
CY	2 809	3 516	5 380	NCMEC	
CZ	23 854	21 658	22 580	NCMEC, CZ.NIC (assoċjazzjoni Ċeka tal-fornituri tas-servizz tal-internet)	Fl-2024 waslu rapporti minn 57 fornitur ta' servizzi differenti, bl-ewwel wieħed ikun Instagram (11 857 rapport), segwit minn Facebook (4 461), Snapchat (3 610), Imgur (1 705), Discord (1 510), Google (1 439), Microsoft — Operazzjonijiet online (870), Tik Tok (825) u WhatsApp (620).
DE	136 437	180 287	205 728	NCMEC	Il-Ġermanja rrapportat li ma setgħet tipprovdi l-ebda statistika tagħha stess f'konformità mal-Artikolu 8(1) tar-Regolament, bl-argument li ma hemm l-ebda bażi legali għad-detezzjoni volontarja. Ipprovdiet statistika tal-pulizija dwar il-kriminalità, filwaqt li enfasizzat li s-sena li fiha twettaq ir-reat mhux neċessarjament taqbel mas-sena li fiha tidher fl-istatistika: rigward l-

⁹ Id-data kollha f'din it-tabella, inkluż fejn huma elenkati l-NCMEC jew sorsi esterni oħra, hija riprodotta kif irrapportat lill-Kummissjoni mill-Istati Membri.

Pajjiż	Rapporti fl-2022	Rapporti fl-2023	Rapporti fl-2024	Sors ta' rapporti	Kummenti
					abbuż sesswali tat-tfal u tal-minorenni, kien hemm 16 655 każ fl-2022 u 17 575 każ fl-2023 (+6 %). Fir-rigward tad-disseminazzjoni, l-akkwist u l-pussess ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal u tal-minorenni, kien hemm 48 853 każ fl-2022 u 54 042 każ fl-2023 (+11 %).
DK	7 556	9 938	10 918	NCMEC	Inbdew 2 474 każ fl-2022, 2 278 fl-2023, u 2 097 fl-2024. Disgħin mill-każijiet miftuħa kienu bbażati fuq CSAM irrapportati diversi drabi fi snin differenti.
EE	250	305	274	NCMEC, Child Helpline 116 111	L-Estonja rrapportat li l-istatistika tal-Pulizija u tal-Gwardja tal-Fruntiera tagħha, inkluża d-data tal-NCMEC, mhijiex pubblika. Ġew irrapportati 250 reat sesswali mingħajr kuntatt kontra t-tfal fl-2022 u 305 fl-2023. 88 % tar-reati sesswali kollha mingħajr kuntatt fl-2022 twettqu fl-isfera online. Id-data disponibbli għall-2024 tikkorrispondi għal każijiet irreġistrati mill-pulizija u miġjuba għall-attenzjoni tal-pubbliku fl-istħarriġ dwar il-kriminalità mwettaq mill-Ministeru għall-Ġustizzja u l-Affarijiet Diġitali. Din l-istatistika ġejja mill-NCMEC u mhijiex statistika nazzjonali.
EL	121	103	123	NCMEC, il-hotline Grieg għall-kontenut illegali tal-internet — Safeline, INTERPOL, Europol, organizzazzjoni Griega mingħajr skop ta' qligħ — the Smile of the Child	


Pajjiż	Rapporti fl-2022	Rapporti fl-2023	Rapporti fl-2024	Sors ta' rapporti	Kummenti
ES	31 474	-	-	Organizzazzjonijiet li jaġixxu fl-interess pubbliku kontra s-CSA	Data mhux sottomessa għall-2023 jew l-2024.
FI	11 248	16 781	13 954	NCMEC u kanali oħra	Għad-data tal-2024, in-numru eżatt ta' każijiet irrapportati diversi drabi ma jistax jiġi derivat minn bażijiet tad-data, iżda l-NCMEC tistma li n-numru ta' dawn ir-rapporti duplikati huwa bejn 20 u 300. Rapporti duplikati jidhru li huma l-aktar komuni bi Snapchat. Minbarra d-data mill-NCMEC, Save the Children Finland irrapportat dwar 71 dominju u 439 URL, l-inizjattiva nazzjonali Sua varten somessa (Għalik fil-media soċjali) irrapportat 90 inċident, u organizzazzjonijiet/fornituri oħra rrapportaw inqas minn 10 inċidenti.
FR	227 645	335 408	164 516	NCMEC, NCECC (Canada's National Child Exploitation Crime Centre), Uffiċċji Ċentrali Nazzjonali tal-INTERPOL, applikazzjoni ta' network għall-iskambju sigur ta' informazzjoni tal-Europol (SIENA), pjattaforma tal-Ministeru tal-Intern — PHAROS	Fl-2024 wasal total ta' 158 503 rapporti mill-NCMEC, li minnhom 28 737 kienu relatati mal-estorsjoni sesswali motivata finanzjarjament tal-minorenni u l-korruzzjoni tal-minorenni.
HR	11 693	8 010	8 900	Fornitur tas-servizz tal-Internet	
HU	109 477	25 720	25 092	Fornituri u organizzazzjonijiet li jaġixxu fl-interess pubbliku kontra s-CSA	Ma hemm l-ebda informazzjoni disponibbli dwar każijiet irrapportati diversi drabi jew f'liema servizzi ġie identifikat il-materjal.
IE	9 168	10 785	13 334	NCMEC	L-awtoritajiet ma jirreġistrawx immaġnijiet jew filmati rrapportati diversi drabi.
IT	4 607	7 389	9 001	Assoċjazzjonijiet u fornituri	Peress li għadha ma ġietx ipproċessata d-data kollha mill-2024, in-numri mhumiex finali.
LT	4 992	6 353	6 803	Mhux speċifikat	

Pajjiż	Rapporti fl-2022	Rapporti fl-2023	Rapporti fl-2024	Sors ta' rapporti	Kummenti
LU	789	1 641	2 112	NCMEC u BeeSecure (Ċentru Lussemburgiż għal Internet Aktar Sikur)	Id-data dwar it-tqassim tar-rapporti mill-NCMEC u BeeSecure għall-2023 u l-2024 ġiet sottomessa iżda mhijiex ċara, peress li n-numri ta' rapporti mill-fornituri ma jammontawx għall-ammont totali indikat.
LV	6	29	30	NCMEC, GRID COP, sistema ta' protezzjoni tat-tfal online kontra reati fuq l-internet (ICACCOPS), Ċentru Latvjan għal Internet Aktar Sikur	In-numru totali ta' rapporti sottomessi ma jinkludix rapporti li fihom il-proċedimenti kriminali ma nbdewx wara l-verifika, minħabba li ma jingħaddux separatament. Parti biss mir-rapporti fihom indikazzjonijiet li r-reat huwa relatat mal-Latvja.
MT	840	1 943	272	Hotline nazzjonali (childwebalert.gov.mt), network Ewropew ta' Ċentri għal Internet Aktar Sikur u hotlines ġestiti minn INSAFE u INHOPE — BeSmartOnline	
NL	36 536	70 057	70 351	Fornituri u organizzazzjonijiet li jaġixxu fl-interess pubbliku kontra s-CSA	
PL	145	117	9 293	Fornituri u organizzazzjonijiet li jaġixxu fl-interess pubbliku kontra s-CSA, li waħda minnhom hija Dyżurnet.pl	
PT	-	-	-	-	Data mhux sottomessa.
RO	5 705	1 254	13 384	Save the Children	In-numru ta' rapporti tas-CSA online, skont ir-Rumanija, jirreferi għas-CSA ospitata mill-fornituri Rumani, iżda l-biċċa l-kbira tal-klijenti ma kinux mir-Rumanija.
SE	16 800	22 592	23 834	NCMEC	L-ammont totali ta' rapporti li jidħlu mhuwiex l-istess bħan-numru reali ta' rapporti tal-pulizija li

Pajjż	Rapporti fl-2022	Rapporti fl-2023	Rapporti fl-2024	Sors ta' rapporti	Kummenti
					għandhom iridu jiġu investigati, minħabba li rapport wieħed tal-pulizija jista' jikkorrispondi għal diversi rapporti minn fornituri dwar l-istess utent u minħabba li mhux ir-rapporti kollha jirriflettu reati skont il-liġi kriminali Żvediża. In-numru ta' rapporti tal-pulizija huwa konsiderevolment oġġla fl-2023 milli fl-2022 u fl-2024. Dan huwa dovut għal operazzjoni nazzjonali mwettqa fl-2023, li kellha l-għan li tittratta r-rapporti kollha tal-NCMEC mhux prijoritizzati li jmorru lura sal-2018.
SI	165	203	251	Fornituri u organizzazzjonijiet li jaġixxu fl-interess pubbliku kontra s-CSA	Id-data statistika eżistenti ma tippermettix lis-Slovenja tissepara d-data statistika dwar ir-reati investigati abbażi tar-rapporti sottomessi mill-fornituri u mill-organizzazzjonijiet minn data statistika dwar rapporti oħra. Ma hemm l-ebda data disponibbli dwar in-numru assolut ta' każijiet, dwar il-każijiet irrapportati diversi drabi, jew imqassmin skont it-tip ta' fornitur li fuq is-servizz tiegħu ġie identifikat is-CSA online. Barra minn hekk, ir-reat kriminali ta' attakk sesswali fuq persuna taħt il-15-il sena skont l-Artikolu 173 tal-Kodiċi Kriminali ma ġiex inkluż fl-istatistika pprovduta, peress li fil-biċċa l-kbira tal-każijiet dan ir-reat iseħħ fl-ambjent fiżiku, għalkemm sa ċertu punt b'mod virtwali ukoll.
SK	7 628	9 601	9 017	Fornituri u organizzazzjonijiet li jaġixxu fl-interess pubbliku kontra s-CSA	Ma hemm l-ebda informazzjoni disponibbli dwar każijiet irrapportati diversi drabi.
Total	705 297	799 508	708 894		

Minħabba li l-NCMEC huwa s-sors ewlieni tar-rapporti, huwa informattiv li wieħed jara n-numru ta' rapporti dwar l-Istati Membri li l-NCMEC irċieva u baġhat lill-Istati Membri¹⁰:

Numru ta' rapporti tal-NCMEC li jikkonċernaw l-UE (miljuni)



It-tqassim għal kull Stat Membru tan-numru totali ta' rapporti huwa kif ġej:

Tabella 7: Rapporti tal-NCMEC ta' abbuż sesswali tat-tfal online li jikkonċernaw l-Istati Membri tal-UE fl-2022, fl-2023 u fl-2024

Pajjiż	Total tar-rapporti 2022 ¹¹	Total tar-rapporti 2023 ¹²	Total tar-rapporti 2024 ¹³
L-Awstrija	18 501	19 630	17 425
Il-Belġju	50 255	41 926	26 752
Il-Bulgarija	31 937	17 726	30 684
Il-Kroazja	11 693	16 339	8 821
Ċipru	7 361	7 564	5 750
Iċ-Ċekja	61 994	34 342	21 589
Id-Danimarka	30 215	12 048	10 330
L-Estonja	6 408	4 338	4 540
Il-Finlandja	10 904	16 364	12 779
Franza	227 465	310 519	150 684
Il-Ġermanja	138 193	173 560	197 201
Il-Greċja	43 345	24 985	16 737

¹⁰ Il-graff fiha n-numru totali ta' rapporti li l-UE rċeviet, deduplikat, jiġifieri jingħadd darba biss jekk l-istess rapport intbaġhat lil diversi Stati Membri.

¹¹ NCMEC, “[2022 CyberTipline Reports by Country](#)”, 2022, [aċċessat fis-26 ta' Mejju 2025](#).

¹² NCMEC, “[2023 CyberTipline Reports by Country](#)”, 2023, [aċċessat fis-26 ta' Mejju 2025](#).


¹³ NCMEC. FI-2024, l-NCMEC beda jirrapporta fis-sit web tiegħu (“[2024 CyberTipline Reports by Country](#)”) in-numru totali ta' riferimenti mibgħuta lil kull pajjiż. L-istess riferiment jintbaġhat lil diversi pajjiżi, jekk jikkonċerna lil daww il-pajjiżi kollha. Id-data rrapportata fit-tabella 7 għall-2022, l-2023 u l-2024 tikkonsisti f'rapporti deduplikati, jiġifieri l-istess rapport jingħadd darba biss.

Pajjiż	Total tar-rapporti 2022¹¹	Total tar-rapporti 2023¹²	Total tar-rapporti 2024¹³
L-Ungerija	109 434	25 643	16 718
